MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-30 ta' April, 2008

Numru. 143/2008

Il-Pulizija
(Sp Nezren Grixti)
vs
Steven Cauchi, iben Joseph, imwieled Pieta’ fit-3 ta’ ottubru, 1984

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli fid-19 ta’ diċembru, 2007 għal habta tat-8.45 p.m. fi Triq il-Madalena, Dingli saq vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni STE 310:
1. b’maniera traskurata;
2. perikoluza;
3. b’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaġuna offiżi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Rachelle Bugelli, skond kif iċċertifika Dr. Nicola Aquilina M.D.;

4. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna ħruq, jew għamel ħsara jew ħsarat jew għarraq żewġ vettura, waħda ta' l-għamla Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAD 025 għad-dannu ta' Graziella Cortis u vettura oħra ta' l-għamla Renault, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAS 396, għad-dannu ta' clint Mario Borg. Il-Prosekuzzjoni titlob li l-akkużat jiġi skwalifikat mill-liċenżji kollha tiegħu tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' april, 2008 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 225, 226(1)(a) u 328(b) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(2)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Minbarra dan, tordna s-sospensjoni tal-liċenżji tas-sewqan ta' l-imputat għal perjodu ta' sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------